MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1121/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**VS**

**CHARLO D'AMATO**
**TERENCE D'AMATO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Charlo D'Amato detentur tal-Karta tal-Identita` numru 417179M u l-imsemmi Terence D'Amato detentur tal-Karta tal-Identita` numru 206787M.

**Akkuzati talli:**

Fit-28 ta` Lulju, 2007, ghal habta tas-sitta ta` filghaxija gewwa Marsaxlokk volontarjament ikkagunaw ferita ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Stephen Psaila minhabba li gab sfregju permanenti fil-wicc tal-istess Stephen Psaila, skond kif iccertifa Dr. Mario Scerri MD;

Terence D'Amato wahdu akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cikostanzi volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, glied u storbju u qal kliem oxxen fil-pubbliku.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216 (1) (a) (b), 218 (1) (b), 218 (2), 338 (dd) u 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Din il-kawza tikkoncerna glieda li-sehhet gewwa Marsaxlokk fit-28 ta` Lulju 2007 ghal habta tas-sitta ta` filghaxija bejn iz-zewg imputati u bejn certu Stephen Psaila.

Illi l-qofol ta` din il-kawza hija x-xhieda ta` Anthony Stagno illi, bil-gurament xehed illi ra lill-imputat Charlot D'Amato jissielet ma` Stephen Psaila billi dan Psaila kien mal-art u Charlot fuq sidru iffajjarlu. Lill-imputat Terence D'Amato huwa rah itieh jew jixxutjalu daqqa ta` sieq go wiccu. Il-fatt li din il-glieda sehhet tirrizulta mill-ammont ta` kwantita` ta` xhieda li gew prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti rat ukoll ix-xhieda tad-dentist Robert de Gray kif ukoll ir-relazzjoni pprezentata minn Dr. Mario Scerri li

jikkwalifika l-ksur tal-upper right  incisor tooth bhala provi peress illi din thalli marka permanenti u sfiiguranti fil-wicc.

Jirrizulta l-akkuza ta` ghajjat, glied u storbju u kliem oxxen fil-pubbliku fil-konfront tal-imputat Terence D'Amato.

Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghall-incident li sehh fil-public toilet qabel ma bidet din il-glieda. Jirrizulta illi ftit qabel, xi hbieb ta` certu Charlo Azzopardi kienu gew arrestati fuq suspett ta` droga u dan Charlo u Stephen Psaila kienu gewwa t-toilet u damu zmien twil gewwa, tant illi l-imputati li damu xi kwarta jistennewhom johorgu bdew jilmentaw maghhom biex johorgu ghax kellhom bzonn juzaw it-toilet huma.

Meta hargu Charlo Azzopardi u Stephen Psaila mit-toilet huma qabdu jillitigaw mal-imputat Charlo Azzopardi jilmenta li ma kienx kuntent ghaliex il-Pulizija kienu ghadhom kemm arrestaw lill-hbiebu u tratta lill-imputat Charlot D'Amato b'arroganza kbira, jghidlu li huwa kien mahruq,
"ghax gabru lill-shabi"

Wara siegha, dan Charlo Azzopardi u Stephen Psaila regghu avvicinaw lil Charlo D'Amato. Charlo Azzopardi baqa arroganti ma` Charlo D'Amato, martu, huh u l-gharusa tieghu waqt illi Stephen Psaila ipprova jwaqqghu. Charlo Azzopardi kompla jittanthom anke wara li z-zewg D'Amato u n-nisa taghhom hargu mill-pitch tal-waterpolo fejn huma kienu qedghin jiehdu drink. Sahansitra offenda lill-mart Charlo D'Amato. Telaq l'hemm izda kif inhuma sejrin, semghu twerziq ta` roti. Dan kien Charlo Azzopardi li bir-roti tal-van li kien qed isuq ghadda minn fuq Terence u harab l'hemm. Stephen Psaila prova jitla` mieghu izda ma rnexxilux, ipprova jahrab hu wkoll izda, minnufih, inqabad minn Charlo D'Amato.

Hemm element ta` provokazzjoni li jissodisfa lil din il-Qorti.

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fiz-zmien sena (1) mil-llum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------